MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Numru 70/2008

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta numru ta’ identita’ numru 404756(M), akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-20 ta’ Dicembru 2007 u cioè f’numru 20, Dawret il-Wied, Mosta f’xi hin bejn is-sitta ta’ fil-ghaxija u nofs il-lejl, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ martu Amanda Cortis f’perikolu car ikkagunalha offiza gravi li tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew li ggib xi difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem jew li x’aktarx tkun hekk.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liemi ammissjoni baqa’ jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Dina hi kawza reza sommarja wara li gie prezentat l-kunsens tal-Avukat Generali. Hija kawza li fiha mart l-imputat rrapurtatu li kkagunalha feriti kagun ta' daqqa ta' ponn f'widneja. Dan jirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat. Dwar il-ferita' xehed it-Tabib Kenneth Muscat li stqarr li ghalkemm il-ferita tfieq b'mod naturali, normalment iddum sitt gimghat biex jigi hekk u li fil-kaz inmeritu minhabba n-natura taghha s-sitt gimghat kienu rikjesti zgur.

Dan apparti hemm l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat u fuq din l-ammissjoni qeghdha ssibu hati. Tenut kont tal-attenwanti generici u wara li rat l-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat sena prigunerija sospiza ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------